

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14747/25

CULT 109
CULT HERIT 20
AUDIO 95
RELEX 1377
COHOM 158
SOC 717
JEUN 219
DIGIT 213
RESUA 29
EDUC 409

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika - <i>Approvazzjoni</i>

Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali eżamina l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar it-test meħmuż.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma li hemm qbil dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq sett komuni ta' valuri, li jinkludu r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi¹.
2. Is-soċjetajiet demokratiċi huma sostnuti permezz tal-parteċipazzjoni u l-involvement taċ-ċittadini, u f'tali soċjetajiet id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, inkluż il-libertà tal-espressjoni, huma protetti.
3. Ir-rwol fundamentali tal-kultura għe rikonoxxut b'mod espliċitu fil-liġi primarja tal-UE u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ², u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali tal-komunità u t-tgawdija tal-arti jista' jkollha rwol vitali fit-trawwim tal-paċi.
4. Il-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjovizivi³ għandhom valur intrinsiku u huma wkoll sors fundamentali ta' koeżjoni soċjali u djalogu, fost l-oħrajn billi jamplifikaw esperjenza ta' valuri kondiviżi u sens ta' appartenenza.
5. Il-kultura u l-wirt kulturali huma kkaratterizzati mhux biss mid-diversità, iżda wkoll minn sens ta' komunità, storja komuni u memorja kollettiva, li jsaħħu r-rabtiet, il-fehim reċiproku u l-valuri madwar l-Ewropa.

¹ L-Artikolu 2 TUE.

² B'mod partikolari l-Artikolu 3 TUE u l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

³ Is-setturi kulturali u kreattivi huma definiti fir-Regolament (UE) 2021/818 tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013. Ix-xogħlijiet awdjoviżivi jinkludu b'mod partikolari l-films, is-sensiliet televiżivi, id-dokumentarji, l-animazzjoni u l-logħob vidjo.

6. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-involvement ċiviku jsostnu l-valuri Ewropej, u l-kultura u l-wirt kulturali għandhom rwol attiv u kruċjali f'dan ir-rigward, kemm permezz tal-valur intrinsiku tagħhom kif ukoll bħala pilastri importanti tas-soċjetajiet demokratiċi u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI⁴:

7. L-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew (2024-2029)⁵, li tistabbilixxi l-prijorità tal-promozzjoni tad-diversità u l-wirt kulturali bl-għan li l-valuri Ewropej fl-UE jiġu rispettati f'Ewropa ħielsa u demokratika.
8. Ir-risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026⁶, li tenfasizza r-rwol essenzjali tad-diversità kulturali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u t-trasformazzjoni pożittiva tas-soċjetà, u tappella għal azzjoni biex jiġi ssalvagwardjat il-wirt.
9. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2021, li jistabbilixxu l-approċċ tal-UE għall-wirt kulturali f'kunflitti u kriżijiet, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014, li jenfasizzaw il-potenzjal tal-kultura u l-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika kondiviża għall-iżvilupp ta' soċjetà⁷.
10. Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar is-solidarjetà kulturali mal-Ukrajna u mekkaniżmu konġunt ta' rispons f'każ ta' emerġenza għall-irkupru kulturali fl-Ewropa, li tenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ u solidarjetà fir-rigward tal-ekosistema kulturali fl-Ukrajna, u l-importanza li jiġu appoġġati r-reżiljenza u l-irkupru wara l-kriżi tal-ekosistema kulturali tal-UE kollha kemm hi⁸.

⁴ It-testi legali u d-dokumenti ta' politika li huma rilevanti għal dawn il-konklużjonijiet huma elenkati fl-Anness..

⁵ EUCO 15/24, l-anness.

⁶ Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 - ĠU C 466, 7.12.2022.

⁷ Ara 9837/21 u 2014/C 183/08.

⁸ Ara 2022/2759(RSP) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0374_MT.html.

FILWAQT LI JIRRIKONOXI LI:

12. Fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, ikkaratterizzata minn inċertezza u theddid multiplu kontra l-pajjiżi Ewropej, ma nistgħux nieħdu l-valuri, id-demokraziji u l-istil ta' ħajja Ewropej bħala fatt, iżda rridu niddefendu, nissalvagwardjaw u nipromwovu b'mod attiv dak li tirrappreżenta l-Ewropa.
13. Il-kultura tibqa' pedament tas-soċjetajiet Ewropej u fil-fatt l-Ewropej ipogħu l-kultura fil-quċċata meta jiġu mistoqsija xi jrawwem sens ta' komunità, flimkien ma' valuri u storja kondivizi⁹.
14. Id-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiku huma kruċjali f'termini tat-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika, il-parteċipazzjoni u l-involvement.
15. Id-drittijiet kulturali huma essenzjali għal Ewropa plurali, inklużiva u demokratika. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali ssaħħa id-demokrazija billi tiftaħ spazji għan-nies kollha u tinkoraġġixxi l-involvement ċiviku, tibni l-fiduċja u trawwem valuri ċiviċi udemokratiċi¹⁰. F'dan il-kuntest, l-attivitajiet ta' tifkira u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa huma meħtieġa sabiex iċ-ċittadini, u b'mod partikolari ż-żgħażaġh, isiru konxji tal-istorja u l-valuri komuni tagħhom bħala l-pedament għal futur komuni.
16. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali ttejjeb ukoll b'mod sinifikanti s-saħħa u l-benesseri mentali kemm individwali kif ukoll kollettivi, u dan jirriżulta f'soċjetajiet aktar reżiljenti u orjentati lejn il-komunità fid-dawl tal-inċertezza u t-theddid għall-valuri tagħna.
17. Il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-Azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew juru kif il-parteċipazzjoni u l-interazzjoni kulturali taċ-ċittadini qed ibiddlu l-ispace pubbliċi f'komunitajiet aktar vibranti u li qed jiffjorixxu u jżidu s-sens ta' għaqda bejn iċ-ċittadini.

⁹ FI-Ewrobarometru Speċjali 562 ippubblikat fit-8 ta' Mejju 2025, il-kultura, il-valuri u l-istorja huma t-tliet fatturi ewlenin meqjusa bħala li jrawmu l-aktar sens ta' komunità fost iċ-ċittadini tal-UE (29 % irrappurtaw li hija l-kultura l-ewwel u qabel kollox li toħloq sens ta' komunità, u 26 % ta' dawk li wieġbu semmew il-valuri bħala l-fattur prevalenti, filwaqt li 24 % identifikaw l-istorja bħala l-fattur primarju – ara p. 18).

¹⁰ Culture and Democracy: the evidence – rapport indipendenti kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea u miktub għaliha, 2023.

18. L-istituzzjonijiet u l-ispazji kulturali, bħal libreriji aċċessibbli għall-pubbliku, għandhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi soċjetali tas-salvagwardja tad-demokrazija billi jrawmu ċittadinanza infurmata, litteriżmu, parteċipazzjoni ċivika u inklużjoni soċjali.
19. Il-kultura u x-xogħlijiet awdjoviżivi jinfluwenzaw in-normi u l-attitudnijiet fost iċ-ċittadini, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh. F'dan il-kuntest, l-aċċess għal-litteriżmu medjatiku u kontenut varjat multilingwi ta' kwalità huwa partikolarment importanti.
20. Il-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi jistgħu jikkontribwixxu għall-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika u t-tiswir tal-paċi u jipprovdu forum għal dibattitu demokratiku u parteċipazzjoni ċivika jekk ikunu bbażati fuq il-libertà artistika, id-diversità kulturali u lingwistika u l-libertà tal-espressjoni.
21. Ir-rwol tal-kultura u l-wirt kulturali fil-promozzjoni ta' soċjetajiet demokratiċi b'mod affidabbli u divers huwa wkoll fil-qalba tar-relazzjonijiet u s-sħubijiet kulturali internazzjonali tal-UE, hekk kif id-diversità kulturali tal-UE tarrikkixxi u hija arrikkita minn kontributi kulturali minn partijiet oħra tal-Ewropa u tad-dinja. Id-djalogu interkulturali jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-parteċipazzjoni.
22. Il-protezzjoni tal-wirt kulturali hija sfida globali. Mhux biss il-gwerra u atti intenzjonati oħra, iżda wkoll il-kriżijiet u l-kunflitti jistgħu jwasslu għal telf tal-wirt kulturali, mhux biss permezz tal-qerda, iżda wkoll permezz ta' sakkeġġ u serq. Il-kummerċ illegali fil-proprjetà kulturali jipperpetwa ċ-ċaħda tal-identità kulturali, li hija assoċjata mat-telf tal-wirt kulturali għall-istati u s-soċjetajiet rispettivi tal-oriġini. F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni internazzjonali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-serq u t-traffikar illeċitu kif ukoll fis-salvagwardja u r-restawr tal-wirt kulturali tista' tikkontribwixxi għall-paċi fit-tul billi ssaħħaħ il-wirt komuni, l-identità kulturali, il-fiduċja u storja kondiviża.

23. L-identità kulturali qed tiġi mmirata intenzjonalment, kemm permezz ta' theddid fiżiku – inkluż dak militari – kif ukoll permezz ta' theddid ibridu jew diżinformazzjoni, li saru parti dejjem aktar prominenti mill-istrateġiji politiċi u militari, kemm fi żmien ta' paċi kif ukoll matul il-kunflitt.
24. Il-qerda fiżika intenzjonata ta' siti kulturali fl-Ukrajna u narrattivi foloz dwar l-Ukrajna għadhom ta' theddida serja għall-identità tal-Ukrajna u għall-wirt kulturali fl-Ukrajna.

JILQA':

25. Miżuri u inizjattivi meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu d-diversità kulturali u jipproteġu l-wirt kulturali Ewropew filwaqt li jqajmu kuxjenza dwar is-sinifikat strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi fil-bini tar-reżiljenza demokratika.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI:

26. Jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jipproteġi l-valuri, l-identità u l-memorja kollettiva billi jippromwovu l-kultura, fil-forom kollha tagħha, u jissalvagwardjaw il-wirt kulturali tal-Ewropa.
27. Jirrikonoxxu li r-reżiljenza kulturali teħtieġ soċjetà ċivili b'saħħitha u vibranti, spazju ċiviku u parteċipazzjoni, abbażi tar-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika u għal-libertà artistika.
28. Jikkunsidraw modi kif ikomplu jippromwovu l-aċċess għal kontenut multilingwi Ewropew, u s-sejbien u l-użu mill-ġdid tiegħu, inkluż kontenut ta' wirt kulturali diġitalizzat¹¹, fost iċ-ċittadini, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-minorenni.

¹¹ Bħal permezz tal-portal Europeana u l-ispace komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali.

29. Ikomplu jippromwovu l-aċċess taċ-ċittadini għall-attivitajiet kulturali u l-parteċipazzjoni tagħhom fihom u b'hekk isaħħu l-parteċipazzjoni demokratika u l-involviment fil-livell individwali u dak komunitarju.
30. Ikomplu jsaħħu r-rwol vitali tal-istituzzjonijiet kulturali fl-għoti ta' aċċess għall-għarfien, l-informazzjoni u l-esperjenzi, u biex iservu bħala forum għal ħsieb kritiku u djalogu.
31. Ikomplu jintegraw il-kultura u l-infrastruttura kulturali (eż. l-arkivji, il-libreriji, ir-repożitorji, il-mużewijiet, iċ-ċinema, il-bini, inkluż il-bini reliġjuż, il-monumenti u l-ispazji) fl-ippjanar tat-tnejjija għall-kriżijiet fir-rigward, fost l-oħrajn, tat-theddid għas-sigurtà, pereżempju permezz ta' sistemi ta' difiża, pjanijiet ta' evakwazzjoni, valutazzjoni u mmappjar tar-riskju, ippjanar ta' rispons għal emerġenza jew dokumentazzjoni u diġitalizzazzjoni u preservazzjoni diġitali tal-wirt kulturali għal skopijiet ta' restawr f'każ ta' ħsara, filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà tas-siti arkeoloġiċi.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FILWAQT LI
JIRRISPETTAW IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA
RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI ADATTI

32. Jippromwovu l-iżvilupp tal-għarfien u r-riċerka u jkomplu jrawmu standards u ħiliet kif ukoll mekkaniżmi possibbli ta' kooperazzjoni transfruntiera għall-protezzjoni, is-salvagwardja u l-preservazzjoni diġitali tal-kultura u l-wirt kulturali sabiex jiżdiedu t-tnejn għall-kriżijiet u r-reżiljenza fl-Istati Membri.
33. Ikomplu jipproteġu u jippromwovu l-libertà artistika u d-diversità kulturali bħala parti mill-appoġġ għall-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi.
34. Ikomplu jappoġġaw ir-rwol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi għar-reżiljenza.
35. Jikkunsidraw li jinkoraġġixxu inizzjattivi li jenfasizzaw il-mod li bih il-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi, bħall-films, jirriflettu valuri komuni u passat kondiviż, u b'hekk jgħinu biex jitħarsu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika għall-futur.
36. Jikkunsidraw li jinkoraġġixxu inizzjattivi li jżidu l-fehim tar-rwol kruċjali tad-diversità kulturali, il-wirt u d-drittijiet kulturali fit-trawwim tal-koeżjoni, l-identità u r-reżiljenza fis-soċjetajiet.
37. Ikomplu l-isforzi biex jissalvagwardjaw u jippromwovu d-drittijiet kulturali u d-diversità kulturali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u permezz tagħhom, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO.
38. Jikkunsidraw li jinkoraġġixxu inizzjattivi li jrawmu relazzjonijiet kulturali internazzjonali u djalogu interkulturali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'kollaborazzjoni ma' sħab internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO.
39. Ikomplu jipprovdu assistenza lill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet involuti fl-appoġġ ta' artisti mill-Ukrajna u/jew il-protezzjoni u l-irkupru tal-kultura u l-wirt kulturali fl-Ukrajna, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-ħsara u tar-riskju u l-ippjanar ta' rkupru bikri, fost l-oħrajn permezz ta' kooperazzjoni f'fora multilaterali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

40. Tikkunsidra attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jiffukaw fuq ir-rwol tal-kultura, id-diversità kulturali u lingwistika u l-wirt kulturali fiż-żamma tal-valuri komuni u r-reżiljenza demokratika fl-Ewropa, inkluż b'rabta mal-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida u fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Boxxla Kulturali li jmiss, li l-għan tagħha huwa li tiggwida u tisfrutta d-diversi dimensjonijiet tal-kultura.
 41. B'rispett sħiħ għal-libertà artistika u mingħajr interferenza fil-kontenut, jinkludu l-promozzjoni ta' valuri komuni u reżiljenza demokratika b'rabta ma' inizjattivi li jappoġġaw il-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi.
-

Referenzi

It-testi legali u d-dokumenti ta' politika li ġejjin huma rilevanti għal dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill:

- *It-Trattati tal-UE*
 - It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Verżjoni kkonsolidata 2016) – ĠU C 202, 7.6.2016
 - Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2012/C 326/02)
- *Kunsill Ewropew*
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024, EUCO 15/24
- *Kunsill tal-Unjoni Ewropea*
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ tal-UE għall-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet, dok. 9837/21
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli – ĠU C 183, 14.06.2014
 - Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Hídma għall-Kultura 2023-2026 – ĠU C 466, 7.12.2022
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura – ĠU C 7446, 13.12.2024
 - Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom – ĠU C 3165, 4.6.2025

– *Kummissjoni Ewropea*

- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija (COM(2020)790)
- Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, ECORYS u Hammonds, W., Culture and democracy, the evidence – How citizens' participation in cultural activities enhances civic engagement, democracy and social cohesion – Lessons from international research, 2023
- Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, Recommendations from the European Commission-led expert group on the safeguarding of cultural heritage in Ukraine, 2024
- Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza – JOIN (2025) 130
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1970 tal-10 ta' Novembru 2021 dwar spazju komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali: [EUR-Lex - 32021H1970 - MT - EUR-Lex https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2021/1970/oj/mlt](https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2021/1970/oj/mlt)
- L-Ewrobarometru Speċjali 562, *Europeans' attitudes towards culture*, Rapport tal-Ewrobarometru, Frar-Marzu 2025, mitlub mill-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DĠ EAC) u kkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM)

- *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*
 - Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew – ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1
 - Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE – ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1
 - Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 – ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34
- *Parlament Ewropew*
 - Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa (2019/2819(RSP))
 - Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali (2022/2047 (INI))
 - Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali (2022/2047 (INI))
 - Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar solidarjetà kulturali mal-Ukrajna u mekkaniżmu konġunt ta' rispons f'każ ta' emerġenza għall-irkupru kulturali fl-Ewropa (2022/2759(RSP))
- *Kunsill tal-Ewropa*
 - Il-Konvenzjoni ta' Faro tal-Kunsill tal-Ewropa 2005 dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà

- *Nazzjonijiet Uniti*
 - Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNDH 1948)
 - Il-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, 1966
 - Il-Patt tan-NU għall-Futur adottat fis-Summit tan-NU dwar il-Futur, New York, 22-23 ta' Settembru 2024
- *UNESCO*
 - UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-1954 għall-Protezzjoni tal-Proprietà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat
 - UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-1972 dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Dinji Kulturali u Naturali
 - UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-2001 dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali ta' Taħt l-Ilma
 - UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli
 - UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali
 - Konferenza Dinjija tal-UNESCO dwar il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli – Dikjarazzjoni tal-MONDIACULT 2022: <https://www.unesco.org/en/articles/unesco-world-conference-cultural-policies-and-sustainable-development-mondiacult-2022>
 - Konferenza Dinjija tal-UNESCO dwar il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli – Dokument ta' Eżitu tal-MONDIACULT 2025 u l-Impenn tal-Ministru għall-Kultura: https://www.unesco.org/sites/default/files/medias/fichiers/2025/09/EN_MONDIACULT_Outcome_Document%20Final%2027.09.25.pdf?hub=171169

- *Oħrajn*
 - Il-Karta ta' Porto Santo, 2021, Porto Santo Charter: Culture and the Promotion of Democracy: Towards a European Cultural Citizenship and The Young People's Addendum to the Porto Santo Charter (2025)
 - Id-Dikjarazzjoni ta' Cáceres mill-Ministri tal-UE għall-Kultura, 25-26 ta' Settembru 2023, taħt il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
 - Niinistö, S. (2024). Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness.
-